# Il-Ħadd 16.09.2018

1. It-Tlieta 18/09:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kummissjoni Djakonija fl-Uffiċċju Parrokkjali.
2. Il-Ħamis 20/09:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.
3. Is-Sibt 22/09:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
4. Il-Ħadd 23/09:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha qed nistiednu lill-għalliema li huma jew joqgħodu fil-Parroċċa tagħna, u lit-tfal kollha biex iġibu l-basktijiet tal-iskola sabiex fl-aħħar tal-quddiesa nagħmlu talba tal-barka hekk kif ser tibda sena skolastika u edukattiva ġdida.
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.
5. Il-Ġimgħa 28/09: **Pellegrinaġġ bix-xbieha tal-Madonna tar-Rużarju taż-Żurrieq li jibda mill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Safi u jispiċċa fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq**
   - Fis-5.45pm - Nibdew bit-Talba ta' Filgħaxija (l-Għasar) fil-Knisja ta' Ħal Safi;
   - Fis-6:00pm - Pellegrinaġġ li matulu jingħad ir-Rużarju;
   - Fis-7:30pm - Quddiesa fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq.

   Kulħadd imħeġġeġ jieħu sehem.
6. Avviżi oħra marbutin mal-andament tad-duttrina għal din is-sena:
   - Minħabba l-liġijiet ġodda li daħlu fis-seħħ minħabba l-Protezzjoni tal-Informazzjoni, ***il-ġenituri kollha li ser jibgħatu lil wliedhom għad-duttrina għandhom jaraw li jirreġistrawhom*** u dan billi jieħdu formoli apposta li ser jitqassmu lilhom fil-laqgħat tal-ġenituri organizzati mis-Superjuri rispettivi tal-MUSEUM, u wara li jimlewhom iġibuhom magħhom għall-quddiesa tal-Bidu tas-sena tad-Duttrina li ser issir nhar it-Tnejn 1/10 fis-6:30pm. Min qed jirreġistra lil uliedu għall-ewwel darba, mal-formola mitlub jhemeż iċ-ċertifikat tal-Magħmudija li jinkiseb mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-knisja fejn irċevew dan is-sagrament.
   - Il-jiem tad-duttrina fil-Parroċċa tagħna ser ikunu hekk:-

     **Subien:** *Mill-Yr 1 sal-Yr 5*: It-Tnejn u l-Ħamis:- bejn il-5:30pm u s-6:25pm
     *Mill-Yr 6 'il fuq*: Kuljum (barra l-Erbgħa):- bejn is-7:00pm u t-8:00pm.
     **Bniet:** *Yr 1 sa Yr 4*: It-Tnejn u l-Ħamis:- bejn il-4:45pm u l-5:30pm
     *Yr 5 sa Fm 2*: It-Tnejn u l-Ħamis:- bejn is-5:45pm u s-6:30pm
     *Fm 3 'il fuq*: It-Tnejn u l-Ħamis:- bejn is-6:45pm u s-7:15pm.

     N.B. Naraw li ma nimpenjawx lit-tfal bi privatijiet u lezzjonijiet tal-kant, żfin, futboll, eċċ. f'dawn il-ħinijiet.
7. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Mill-Ħadd 16/09 sal-Ħadd 22/09, ser titella' l-*European Mobility Week 2018* b'inizjattivi favur l-ambjent. Id-dettalji jinsabu fuq il-paġna tal-facebook tal-Kunsill u l-flyer li tqassam fi djarkom. Kulħadd imħeġġeġ jieħu sehem.

     N.B. B'rabta ma' dawn l-attivitajiet, nhar il-Ġimgħa 21/09: mid-9:00am sa' 12:00pm, u s-Sibt 22/09: mit-8:00am sa' 6:00pm, Misraħ il-Knisja, Triq iż-Żurrieq, Triq San Pawl u Triq San Ġużepp ser ikunu magħluqin għat-traffiku (b'eċċezzjoni għat-trasport pubbliku).
   - Il-Ħadd 23/09, il-Kunsill qed jorganizza Jum Canoeing fil-Mellieħa. Booking fl-Uffiċċju.
   - Min għalaq l-55 sena u jixtieq jieħu t-tilqima kontra l-influwenza hu mitlub jinkiteb fl-Uffiċċju tal-Kunsill u jieħu miegħu l-karta tal-identità.
8. Matul din il-ġimgħa daħlu:

   - € 290 mill-ħarġa ta' Għawdex. Grazzi.